MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 196/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**
**(Spt. S. Valletta)**
**Vs**
**Steve Spiteri**
**Clayton Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli

1. f'San Gwann nhar il-25 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tal-4.30 p.m., gewwa l-APG Discount Store, sitwat fi Triq is-Santwarju, l-Mensija, kkommettew serq ta' flus u sigaretti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u li dan is-serq sar flimkien ma offiza hafifa fuq il-persuna Alexander Grech, u dan ghad-detriment ta' l-istess Alexander Grech u Paul Grech;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jaresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw ghadd ta’ persuni kontra l-volonta’ taghhom;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jikkommettu reat ta’ serq, ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Grech skond kif iccertifika t-tabib Dr. Paul Mangion M.D;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellhom fuqhom arma tan-nar, armi regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri il-hamsin lira Maltin izda mhux il-hames mitt lira Maltin;
6. gewwa Triq il-Wied B’Kara fil-lejl ta’ bejn l-24 u 25 ta’ Lulju 2006 kkommettew serq ta’ karozza Mazda 323 numru tar-registrazzjoni CAM 185 liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa w li sar ghad-detriment ta’ Anthony Zammit;
7. f’Birkirkara u f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, saqu vettura Mazda 323 numru tar-registrazzjoni CAM 185 minghajr ma kienu koperti b’polza ta’ assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;
8. rrendew rwiehhom recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstabu hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;
9. Steve Spiteri wahdu gie akkuzat ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza datata 10 ta’ Settembru 2003;
10. Clayton Cremona wahdu gie akkuzat talli kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 27 ta’ Frar 2006 fejn l-istess Clayton Cremona kien misjub hati ta’ reat ta’ pussess ta’ droga w kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat, **fil-konfront ta’ Steve Spiteri**, l-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263(b), 267, 274(c), 275, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 86 u 87 (1)(c)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, (3) l-artikoli 214, 217 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 31(A), 9(1)(3), 10, 19, 26(a) u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(c) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 28B sa 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant **Steve Spiteri** hati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba’, tal-hames, tat-tmien u tad-disa’ imputazzjoni b’dan pero’ li t-tielet, ir-raba’ w il-hames imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u ghaldaqstant gabet fis-sehh il-piena ta’ sentejn prigunerija, liema piena qabel kienet sospiza ghal erba’ snin u ziedet il-kundanna ghar-reati mwettqa skond ic-citazzjoni odjerna, liema piena hija ta’ sentejn u nofs prigunerija.
Ghalhekk il-piena komplessiva hija dik ta’ erba’ snin u nofs prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv b’konnessjoni ma dan ir-reat biss.
Illiberatu mit-tieni, mis-sitt u mis-seba’ imputazzjoni waqt li l-ghaxar imputazzjoni mhix applikabbli fil-konfront tal-appellant.

**Fil-konfront ta’ Clayton Cremona,** l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263(b), 267, 2749c0, 275, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, (3) l-artikoli 214, 217 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 31(A), 9(1)(3), 10, 19, 26(a) u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(c) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 7, 22, 23, 24, 25 tal-Kap. 446, l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant **Clayton**

**Cremona** hati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tal-ghaxar imputazzjoni bit-tielet, ir-raba' w il-hames imputazzjoni assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, u, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal piena ta' tliet snin u disa' xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €2340, liema multa tista' tithallas b'rata ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament jithallas fi zmien erba' gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel skond il-Ligi b'dan pero' li qatt ma tista' taqbez is-sitt xhur skond il-proviso tal-artikolu 11 tal-Kap. 9.
Ghandu jitnaqqas dak iz-zmien li l-appellant ikun ghadda taht arrest preventiv b'konnessjoni ma' dan ir-reat. Illiberatu mit-tieni imputazzjoni waqt li qieset id-disa' imputazzjoni bhala mhux applikabbli ghall-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant **Steve Spiteri** minnu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :
1. tikkonfermaha fejn sabitu hati tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet;
2. tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tieni, tas-sitta w tas-seba' imputazzjonijiet u fejn iddikjarat li l-ghaxar imputazzjoni ma kienitx applikabbli fil-konfront tieghu;
3. thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w cioe' ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur u minflok tiddikjarah hati ta' tentattiv ta' serq biss bl-aggravju tal-mezz u tal-valur;
4. thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tielet, tar-raba' w tal-hames imputazzjonijiet u minnhom tiddikjarah mhux hati w tilliberah skond il-Ligi w konsegwentement tghaddi ghas-sanzjoni li tkun tirrifletti din id-dikjarazzjoni.
Alternattivament u minghajr pregudizzju, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant **Clayton Cremona** minnu pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li

tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni w fejn iddikjarat li l-imputazzjoni numru disgha mhux applikabbli fil-konfront tieghu, tikkonfermaha fejn sabitu hati tas-seba’, t-tmien u l-ghaxar imputazzjoni, thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w cioe’ ta’ serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur u minflok tiddikjarah hati ta’ tentattiv ta’ serq bl-aggravju ta’ mezz u valur, thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet, tar-raba’ tal-hames u tas-sitt imputazzjoni w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi w f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Steve Spiteri w dawk ta’ Clayton Cremona, li pratikament huma identici anki fl-enumerazzjoni taghhom, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li, a bazi tar-rizultanzi, kellu jikkonfigura r-reat ta’ tentattiv ta’ serq u mhux ir-reat ta’ serq ikkunsmat. Dan ghaliex minn dak li huma pprovaw jiehdu kollox waqa’ mal-art u huma minnufieh telqu minn fuq il-post u ma nsteraq xejn. Dan johrog anki mid-dicitura uzata f’ parti mis-sentenza appellata. Is-serq jigi kunsmat malli l-oggett ma jibqax fl-isfera tal-pussess tal-proprjetarju jew tad-detentur. F’ dan il-kaz, kemm is-sigarretti kif ukoll il-flus u l-*cash register* baqghu lkoll fl-isfera tal-pussess ta’ sidhom u d-delitt ma sehhx minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-appellanti. 2. Li, f’ kull kaz, ma jikkonfigurax fir-reat l-aggravanti tal-vjolenza skond l-art. 262 (1)(a)(b) tal-Kap.9. Ma kienux aktar minn tnejn fil-hanut u hemm dubju dwar jekk l-arma kienetx wahda regolari jew arma irregolari jew oggett li ma kien arma xejn. *Water pistol* tal-plastik ma ghandux l-ghamla w l-konsistenza materjali li jirrendieh idoneju biex jikkwalifika bhala arma irregolari. Mill-atti proceswali ma hemmx provi bizzejjed biex jorbtu fattwalment lill-appellanti mal-ferita li allegatament garrab Alexander Grech. 3. Ma hemmx provi

biex jorbtu lill-appellant mal-hsara volontarja li saret fuq il-post ossia fil-*cash register* u ma hemmx prova tal-*common design* ghal dak li jirrigwarda dawn iz-zewg fatti. 4. Li huma nstabu hatja hazin taht ir-raba' imputazzjoni w cioe' l-pussess tal-arma bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 66. 5. li hemm fatturi w cirkostanzi li jimmilitaw favur temperament fil-piena li kienet wahda eccessiva.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi uhud mill-aggravji taz-zewg appellanti jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn.)

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **: "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….. , il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament .."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti kellhiex ukoll legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar uhud mill-imputazzjoni dedotti kontra l-appellanti rispettivi, li qed jigu kontestati f' dawn l-appelli rispettivi.

Issa l-fatti ta' dan il-kaz, kif jirrizultaw mill-assjem tal-provi, jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

Fil-25 ta' Lulju, 2006, wara nofsinhar, iz-zewg appellanti, flimkien ma terz, ix-xhud Omar Ellul, kienu marru b' zewg karozzi wahda Hyundai Lantra numru HAO 047 misjuqa mill-istess Ellul u l-ohra Mazda 323 numru CAM 185 quddiem il-hanut AGP Discount Store fi Triq is-Santwarju, l-Mensija. Iz-zewg appellanti libsu xi ingwanti w flokkijiet bil-komma twila w Steve Spiteri libes nuccali tax-xemx u kellu pistola f' idejh. Huma t-tnejn hargu mill-karozza Lantra w f' xil-4.45 pm dahlu fil-hanut u bdew jghajjtu "*hold*

*up."* Wiehed minnhom kellu pistola w beda' jhedded lil Alexander Grech biha. Wiehed qabad il-kxaxen li kien fihom is-sigarretti w hadhom. L-iehor qabad il-*cash register* u hadu izda dan wehel ghax kien bil-wire u waqa' mal-art. Dahal l-iehor u ta daqqa bil-kaxxa tas-sigarretti fuq mohh Alexander Grech sid il-hanut u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skond ma xehed Dr. Paul Mangion. Dak il-hin is-sigarretti waqghu mal-art. Iz-zewg appellanti harbu jigru w dahlu f' karozzi. Ghalkemm ma hadu xejn, il-*cash register* li waqa' mal-art kien tkisser. L-appellant Clayton Cremona rritorna fejn Ellul kien qed jistenna bil-karozza Lantra nifsu maqtugh, tbaxxa w beda jistaqsi lill-Ellul fejn kien ser jarmu l-hwejjeg u l-ingwanti. Ellul remihom fi skip u Clayton Cremona beda jsuq il-car hu. Cremona rema l-pistola w wara ftit gew intercettati w imwaqqfa' mill-Pulizija. Steve Spiteri kien gie arrestat aktar tard u cioe' l-ghada mid-dar tieghu. Wara rrizulta li z-zewg vetturi fuq imsemmija kienu insterqu.

Il-valur tas-sigarretti kien LM214 fil-waqt li flus kontanti fil-*cash register* kien hemm aktar minn LM300 pero' mill-post spicca ma nsteraq xejn. Il-*cash register* li kien tkisser kien jiswa' bejn Lm300 u Lm400.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, dan jimpernja fuq il-*vexata questio* dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-*'contrecatio'* li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta' serq, kif defenit mill-guristi Taljani w kif segwit u appikat mill-gurisprudenza nostrana.

Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law – Part II,) :-

*"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."*

Umbaghad il-**Mamo** jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe' dik li tekwipara l-*contrectatio* mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih: *"amotio";* dik li tghid li l-*contrectatio* tikkonsisti fl-*"apprehensio*" jew "*amotio de loco ad locum"* u cioe' li l-oggett irid ikun inhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu w it-tielet teorija li ttenni li l-'*contrectatio'* issir biss meta l-halliel jiehu r-*re furtiva* fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha *"loco quo destinaverat*". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju  fil-Larceny Act Ingliz.

Konsidrati taht dan l-aspett, l-atti tal-appellanti li bihom, b' intiza u pre-koncert bejnithom, wasslu biex il-kxaxen tas-sigarretti ttiehdu minn posthom u kienu ser jinhargu 'l barra mil-hanut kieku ma waqghux mal-art fl-alterkazzjoni li ssuccediet, kienu certament jammontaw ghall-**amotio** li l-gurisprudenza  taghna tirrikjedi ghal-komsumazzjoni tar-reat ta' serq. Certament li s-sigarretti bil-kxaxen b' kollox kienu ttiehdu minn posthom u kienu fil-pussess ta' wiehed mill-appellanti li t-tnejn hadu parti fis-serqa bi ftehim u intiza biex jaghmlu dan.

Ghalkemm jista' jkun hemm certu dubju jekk fil-kaz tal-*cash register* dan kienx semplici tentattiv ta' serq, stante li dan, peress li kien imwahhal bil-wire, ma rrendiex imma waqa' fl-art biss, (ara f' dan is-sens il-kumment tal-**MAMO** (ibid. Vol. II, p.273, fejn jghid "*Only in the case of a thing attached, there cannot be a sufficient removal unless it has been completely detached: eg. not unless the string which ties the scissors to the counter has been cut through. [Kenny op. cit. p.214]"),* din il-konsiderazzjoni tibqa' wahda ta' natura akkademika ladarba jirrizulta s-serq kunsmat fil-kaz tal-kxaxen tas-sigarretti.

Ghalhekk l-ewwel aggravju taz-zewg appellanti qed jigi respint u t-tnejn kellhom jinstabu hatja ta' komplicita' fis-

serq kunsmat tal-istess sigarretti, kif fil-fatt instabu gustament mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Fir-rigward tat-tieni aggravju, z-zewg appellanti jobbjettaw li ma jirrizultax l-aggravanti tal-vjolenza fir-rigward tar-reat tas-serq. Hu minnu li l-hallielin ma pprezentawx ruhom f' numru ta' izjed minn tnejn, pero' indubbjament irrizulta li s-serqa saret flimkien ma offiza fuq il-persuna ta' Alexander Grech u ma theddid ta' offiza fuq il-persuna tieghu. Inoltre mill-assjem tal-provi l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tikkonkludi bil-grad tac-certezza morali li wiehed miz-zewg appellanti, bil-pjiena konsapevolezza w adezjoni w allura l-komplicita' tal-iehor, kien ipprezenta ruhu armat b' pistola. Din il-Qorti tara li ma m'ghandhiex raguni biex tiddisturba dan l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-aggravanti tal-vjolenza li akkompanja s-serqa. Ghalhekk dan l-aggravju taz-zewg appellanti ukoll qed jigi respint.

L-istess, it-tielet aggravju tal-appellant jidher infondat. Kien min kien miz-zewg appellanti li ta daqqa bil-kxaxen tas-sigarretti fuq mohh Alexander Grech u ferieh ljevement, u kien min kien li waqqa' w kisser il-*cash register*, ladarba dawn l-atti kienu qed isehhu fil-prezenza taz-zewg partecipanti fis-serqa ppjanata, w t-tnejn kienu jafu bl-atti fil-waqt li kienu qed isiru w l-persuna l-ohra, ghad li kienet tista' timpedihom, halliethom isiru, dan jirrendi lill-iehor li ma kkagunax il-ferita jew il-hsara volontarja direttament, responsabbli bhala komplici fl-imsemmi att skond l-artikolu 45 (b) u (c) tal-Kodici Kriminali. Dawn ir-reati komprizi fit-tielet u l-hames imputazzjoni pero' ghall-fini tal-piena jigu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni skond l-art. 17 (h) tal-Kodici Kriminali, kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Konsegwentement ghall-konkluzzjoni raggunta fir-rigward tat-tieni aggravju, r-raba' aggravju wkoll huwa infondat. L-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi li z-zewg appellanti kienu hatja ta' komplicita' fir-raba' imputazzjoni.

F’ dan il-kaz, anki kieku verament l-arma li ntuzat kienet tal-plastic, xorta wahda jirrizulta pruvat ir-reat ghax-ir-reat jissussisti anki meta tintuza imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, waqt il-kommissjoni ta’ delitt, skond il-Kap.66. Dan qed jintqal biss ghal grazzja tal-argument pero’ w mhux ghax il-Qorti qed taccetta t-tezi li l-arma kienet verament wahda tal-plastic.

kkonsidrat;

Dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz l-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi

Ir-reati li taghhom l-appellanti nstabu hatja sehhew fil-kontest ta’ “*hold up*” jew dak li jissejjah fil-ligi Taljana : *“rapina a mano armata*”. Dan it-tip ta’ reat, hafna drabi rizultat ta’ kilba iddisprata ghad-droga, kull ma jmur qed jassumi certa frekwenza preokkupanti fil-pajjiz u qed johloq allarm socjali konsiderevoli li l-Qrati huma fid-dover li jindirizzaw b’ applikazzjoni rigoruza tas-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi kriminali. Huma reati li – apparti mill-valur tal-oggetti misruqa – jipprezentaw perikolu attwali u reali ghal kull min ikun il-vittma tieghu jew anki ghal min jinzerta innocentement involut fih, bhal paruccjani ta’ hwienet, banek u postijiet ohra li jiffrekwentaw ic-cittadini. Sitwazzjoni fejn il-hallielin jipprezentaw ruhom armati facli li jeskalaw f’ ferimenti ta’ persuni jew addirittura omicidji ta’ nies li jkunu fuq xogholhom jew ta’ “*innocent bystanders”* u ghalhekk din l-attivita’ ghandha tigi repressa b’ pieni serji li jaghtu messagg car lis-socjeta’ w aktar u aktar lill-malviventi li jirikorru ghal din it-tip ta’ attivita’ biex jissodisfaw il-kapricci jew il-vizzji taghhom..

Din il-Qorti qieset il-fedini penali aggornati tal-appellanti li juru rispettivament ghaxar kundanni precedenti fil-kaz tal-appellant Spiteri w sitt kundanni fil-kaz ta’ Clayton

Cremona. Fil-kaz ta’ **Spiteri** apparti diversi kundanni ghall-reati konnessi ma glied u vjolenza kontra diversi persuni, ghandu kundanni ghal sensiela ta’ serq, danni volontarji, ricettazzjoni, sewqan bla licenzja w bla polza tas-sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi, ksur tal-kondizzjonijiet li bihom inghata l-liberta’ provizorja w ingurji w theddid kontra ufficjal pubbliku. Inoltre f’ dan il-kaz instab hati ta’ recidiva w li kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prignerija fil-periodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza. Fil-kaz ta’ **Cremona** hu nstab hati diversi drabi ta’ pussess tad-droga eroina, ta’ medicina ristretta w psikotropika, ta’ serq aggravat, ricettazzjoni, pussess ta’ arma bla licenzja, ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuqu ghall-ghoti tal-liberta’ provizorja, hsara volontarja, sewqan perikoluz u bla insurance w li hu recidiv u li kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati tar-reat ta’ pussess ta’ droga u kien gie liberat bil-kondzzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Fid-dawl tal-gravita’ tar-reati w ta’ dawn il-fedini penali refrattarji, din il-Qorti ma tarax li ghandha xi raguni valida biex tiddisturba d-diskrezjoni uzata mill-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena fil-konfront taz-zewg appellanti. Ghalhekk anki l-hames aggravju taghhom qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad iz-zewg appelli tal-appellanti Spiteri w Cremona rispettivament u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, hlief li tordna li t-terminu ghall-hlas tal-multa ta’ Ewro 2340 li ghaliha gie ukoll kundannat l-appellant Cremona bir-rata ta’ mitt Ewro fix-xahar jibda jiddekorri minn xahar wara li jiskonta l-piena ta’ tlitt snin u disa’ xhur prigunerija li ghaliha gie kundannat mill-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------